tkun dirett ħdejn il-qniepen u għandek veduta x'tara. Minn fuq jindaqqu isbaħ għax ikunu żganċjati u allura jindaqqu fuq iż-żewġ naħat tal-qanpiena filwaqt li jekk iddoqqhom minn isfel ikunu gganċjati u jindaqqu fuq naħa waħda.

Il-qniepen l-aktar li jinđaqqu minn dilettanti li jkunu jafu jqabbluhom sewwa. Sa ftit żmien ilu kont issib ħafna, speċjalment tfal abbatini, jiġġieldu biex idoqquhom. Illum naqsu sew dawk li jridu jdoqqu għax fil-festa tar-raħal ma jkunux iridu joqogħdu jdoqqu fil-kampnar. Allura s-sagristan iqabbad gaj minn lokal ieħor li jkunu għal hekk u jħallashom tal-ġranet li jagħmlu jdoqqu.

Illum, b'differenza minn dari, il-qniepen jordnawhom bħala sett li jkunu ntunati skala fuq oħra bħal strument, biex jindaqqu f'sett u joħolqu atmosfera aktar armonjuża. Dari kien hawn aktar min jaħdem il-qniepen imma issa jsiru barra. Kampnar mimli qniepen fl-arkati tiegħu tgħidx x'għaxqa jkun fih taraħ, waqt li minnu toħroġ dik il-ħlewwa ta' daqq naturali. It-turisti, meta jinzertaw viċin tgħidx kemm jieħdu gost u ritratti għax għalihom tkun okkażjoni unika.

Id-daqq tal-qniepen huwa wkoll wieħed mill-ingredjenti jew elementi li jsebbħu l-festa Maltija. Kemm tinstema' sabiħ u tħollok ikollok tisma' mota sħiħa filgħodu kmieni ġejja tinqaleb bi ftit riħ fuq l-irdumijiet Maltin1 Ta'min jgħid li l-Birgu għadhom idoqquha din il-mota u jsejħulha "il-mota tal-ferħ" għax biha jiftaħ jum il-festa.

Wara dan kollu bosta nies aktar jogħġbuhom il-ħsejjes ta' dinja sfrenata u ħsejjes imqanżħin milli l-ħoss tal-qanpiena li ħdejn dawn huwa mezz naturali ta' tifħir li jagħti glorja l-Alla.

------ oOo ------

**Kumitat ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor għas-sena 2003**

**President:** is-S'na Maria R. Pisani; **Viċi President:** is-Sur Angelo Dougall;
**Segretarju:** is-Sur Ġużi Gatt; **Assistent Segretarju:** is-Sur George Cilia;
**Teżorier:** is-Sur George Glanville; **Assistant Teżorier:** is-Sur J.F.Porsella-Flores:
**Membri:** is-Sur Frans Farrugia, Dr. Ġorġ Mifsud Chircop, is-S'ra Adelina Zerafa.

*Indirizz tas-Segretarju:* 7C "Perry Courts", Triq Birkirkara, San Ġiljan, SLM 13